REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/263

tal-10 ta' Frar 2025

li jagħti awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "Ecolab CMIT-MIT BPF" f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 44(5), l-ewwel subparagrafu tiegħu,

Billi:

(1) Fit-23 ta' Ġunju 2017, Ecolab Deutschland GmbH ippreżentat lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija") applikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 43(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għall-awtorizzazzjoni tal-Unjoni ta' familja ta' prodotti bijoċidali bl-isem ta' "Ecolab CMIT-MIT BPF" tat-tipi ta' prodotti 4, 11 u 12, kif deskritt fl-Anness V ta' dak ir-Regolament, u pprovdiet konferma bil-miktub li l-awtorità kompetenti tan-Netherlands qablet li tevalwa l-applikazzjoni. L-applikazzjoni ġiet irreġistrata bin-numru tal-każ BC-SP032736-15 fir-Reġistru tal-Prodotti Bijoċidali.

(2) "Ecolab CMIT-MIT BPF" fiha s-C(M)IT/MIT (3:1) bħala s-sustanza attiva, li huwa inkluż fil-lista tal-Unjoni tas-sustanzi attivi approvati msemmija fl-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għat-tipi ta' prodotti 4, 11 u 12.

(3) Fl-1 ta' Diċembru 2023, f'konformità mal-Artikolu 44(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, l-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni ppreżentat rapport ta' valutazzjoni u l-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni tagħha lill-Aġenzija.

(4) Fis-26 ta' Ġunju 2024, l-Aġenzija ppreżentat lill-Kummissjoni l-opinjoni tagħha [2], l-abbozz tas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali (SPC) ta' "Ecolab CMIT-MIT BPF" u r-rapport ta' valutazzjoni finali dwar il-familja ta' prodotti bijoċidali, f'konformità mal-Artikolu 44(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(5) L-opinjoni tikkonkludi li "Ecolab CMIT-MIT BPF" hija familja ta' prodotti bijoċidali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1), il-punt (s), tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, li hija eliġibbli għall-awtorizzazzjoni tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 42(1) ta' dak ir-Regolament u li, soġġetta għall-konformità mal-abbozz tal-SPC, tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 19(6) ta' dak ir-Regolament.

(6) Fil-15 ta' Lulju 2024, l-Aġenzija bagħtet lill-Kummissjoni l-abbozz tal-SPC fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 44(4) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(7) Il-Kummissjoni taqbel mal-opinjoni tal-Aġenzija u għaldaqstant tikkunsidra xieraq li tagħti awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "Ecolab CMIT-MIT BPF".

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

[1] ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj.
[2] L-opinjoni tal-ECHA tat-30 ta' Mejju 2024 dwar l-awtorizzazzjoni tal-Unjoni ta' "Ecolab CMIT-MIT BPF" (ECHA/BPC/436/2024), https://echa.europa.eu/mt/opinions-on-union-authorisation.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Qed tingħata awtorizzazzjoni tal-Unjoni bin-numru tal-awtorizzazzjoni EU-0032881-0000 lil Ecolab Deutschland GmbH għat-tqegħid fis-suq u għall-użu tal-familja tal-prodotti bijoċidali "Ecolab CMIT-MIT BPF", f'konformità mas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali stabbiliti fl-Anness.

L-awtorizzazzjoni tal-Unjoni hija valida mit-3 ta' Marzu 2025 sat-28 ta' Frar 2035.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Frar 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT GĦAL FAMILJA TA' PRODOTTI BIJOĊIDALI

Ecolab CMIT-MIT BPF

Tip(i) ta' prodott

PT11: Preżervattivi għal sistemi tat-tkessiħ u tal-ipproċessar tal-likwidi

PT12: Slimiċidi

PT04: Żoni tal-ikel u tal-għalf

Numru tal-awtorizzazzjoni EU-0032881-0000

Numru tal-assi R4BP EU-0032881-0000

PART I

L-EWWEL LIVELL TA' INFORMAZZJONI

1. **INFORMAZZJONI AMMINISTRATTIVA**

1.1. **Kunjom**

Isem	Ecolab CMIT-MIT BPF

1.2. **Tip(i) ta' prodott**

Tip(i) ta' prodott	PT11: Preżervattivi għal sistemi tat-tkessiħ u tal-ipproċessar tal-likwidi PT12: Slimiċidi PT04: Żoni tal-ikel u tal-għalf

1.3. **Detentur tal-awtorizzazzjoni**

Isem u indirizz tad-detentur ta' awtorizzazzjoni	Isem	Ecolab Deutschland GmbH
	Indirizz	Ecolab Allee 1 40789 Monheim am Rhein DE
Numru tal-awtorizzazzjoni	EU-0032881-0000	
Numru tal-assi R4BP	EU-0032881-0000	
Data tal-awtorizzazzjoni	It-3 ta' Marzu 2025	
Data ta' skadenza tal-awtorizzazzjoni	It-28 ta' Frar 2035	

1.4. **Manifattur(i) tal-prodott**

Isem tal-manifattur	Ecolab Europe GmbH
Indirizz tal-manifattur	Richtistrasse 7 8304 Walliselen L-Iżvizzera
Post ta' siti ta' manifattura	Ecolab Europe GmbH site 1 Richtistrasse 7 8304 Walliselen L-Iżvizzera

Isem tal-manifattur	Ecolab Limited
Indirizz tal-manifattur	Brunel Way, Baglan Energy Park SA11 2GA Neath Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq
Post ta' siti ta' manifattura	Ecolab Limited site 1 Brunel Way, Baglan Energy Park SA11 2GA Neath Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

Isem tal-manifattur	Laboratoires Prodene Klint
Indirizz tal-manifattur	Rue Denis Papin, 2 Z.I. Mitry Compans F-77290 Mitry Mory Franza
Post ta' siti ta' manifattura	Laboratoires Prodene Klint site 1 Rue Denis Papin, 2 Z.I. Mitry Compans F-77290 Mitry Mory Franza

Isem tal-manifattur	Ecolab Leeds
Indirizz tal-manifattur	Lotherton Way, Garforth LS25 2JY Leeds Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq
Post ta' siti ta' manifattura	Ecolab Leeds site 1 Lotherton Way, Garforth LS25 2JY Leeds Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

Isem tal-manifattur	Ecolab SRL
Indirizz tal-manifattur	Viale del Lavoro 10 45100 Rovigo L-Italja
Post ta' siti ta' manifattura	Ecolab SRL site 1 Viale del Lavoro 10 45100 Rovigo L-Italja

Isem tal-manifattur	Nalco Deutschland Manufacturing GmbH und Co.KG
Indirizz tal-manifattur	Justus-von-Liebig-Str. 11 D-64584 Biebesheim Il-Ġermanja
Post ta' siti ta' manifattura	Nalco Deutschland Manufacturing GmbH und Co.KG site 1 Justus-von-Liebig-Str. 11 D-64584 Biebesheim Il-Ġermanja

Isem tal-manifattur	Ecolab NETHERLANDS BV
Indirizz tal-manifattur	BRUGWAL 11 3432NZ NIEUWEGEIN In-Netherlands
Post ta' siti ta' manifattura	Ecolab NETHERLANDS BV site 1 BRUGWAL 11 3432NZ NIEUWEGEIN In-Netherlands

Isem tal-manifattur	Ecolab Weavergate
Indirizz tal-manifattur	Winnington Avenue, Northwich CW8 3AA Cheshire Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq
Post ta' siti ta' manifattura	Ecolab Weavergate site 1 Winnington Avenue, Northwich CW8 3AA Cheshire Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

Isem tal-manifattur	Ecolab Mullingar, Ireland
Indirizz tal-manifattur	Forest Park, Zone C Mullingar Ind. Estate N91 Mullingar L-Irlanda
Post ta' siti ta' manifattura	Ecolab Mullingar, Ireland site 1 Forest Park, Zone C Mullingar Ind. Estate N91 Mullingar L-Irlanda

Isem tal-manifattur	Ecolab d.o.o.
Indirizz tal-manifattur	Vajngerlova 4 2000 Maribor Is-Slovenja
Post ta' siti ta' manifattura	Ecolab d.o.o. site 1 Vajngerlova 4 2000 Maribor Is-Slovenja

Isem tal-manifattur	Ecolab Rozzano
Indirizz tal-manifattur	VIA GRANDI 9/11 20089 Rozzano L-Italja
Post ta' siti ta' manifattura	Ecolab Rozzano site 1 VIA GRANDI 9/11 20089 Rozzano L-Italja

Isem tal-manifattur	Ecolab BVBA
Indirizz tal-manifattur	Havenlaan 4 3980 Tessenderlo Il-Belġju
Post ta' siti ta' manifattura	Ecolab BVBA site 1 Havenlaan 4 3980 Tessenderlo Il-Belġju

Isem tal-manifattur	Nalco Española Manufacturing, SLU
Indirizz tal-manifattur	C/Tramuntana s/n Polígono Industrial de Celrà 17460 CELRÀ 17460 Girona Spanja
Post ta' siti ta' manifattura	Nalco Española Manufacturing, SLU site 1 C/Tramuntana s/n Polígono Industrial de Celrà 17460 CELRÀ 17460 Girona Spanja

Isem tal-manifattur	Ecolab production France SAS
Indirizz tal-manifattur	BP509, Avenue de Général Patton 51006 Châlons-en-Champagne Franza
Post ta' siti ta' manifattura	Ecolab production France SAS site 1 BP509, Avenue de Général Patton 51006 Châlons-en-Champagne Franza

Isem tal-manifattur	Ecolab Mandra, Greece
Indirizz tal-manifattur	25KLM Old National Road 19600 Attica Mandra Il-Greċja
Post ta' siti ta' manifattura	Ecolab Mandra, Greece site 1 25KLM Old National Road 19600 Attica Mandra Il-Greċja

Isem tal-manifattur	NALCO FINLAND MANUFACTURING OY
Indirizz tal-manifattur	Kivikummuntie 1 FIN-07955 Tesjoki Il-Finlandja
Post ta' siti ta' manifattura	NALCO FINLAND MANUFACTURING OY site 1 Kivikummuntie 1 FIN-07955 Tesjoki Il-Finlandja

Isem tal-manifattur	NALCO Water Italy
Indirizz tal-manifattur	Via Ninfina II 04012 Cisterna Di Latina L-Italja
Post ta' siti ta' manifattura	NALCO Water Italy site 1 Via Ninfina II 04012 Cisterna Di Latina L-Italja

Isem tal-manifattur	Manufacturing Plant Fawley Nalco
Indirizz tal-manifattur	One business centre 1180 SO45 3NP Hardley Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq
Post ta' siti ta' manifattura	Manufacturing Plant Fawley Nalco site 1 One business centre 1180 SO45 3NP Hardley Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

Isem tal-manifattur	Nalco Ltd Scotland
Indirizz tal-manifattur	Minto Avenue, Alten Industrial Estate AB12 3JZ Aberdeen Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq
Post ta' siti ta' manifattura	Nalco Ltd Scotland site 1 Minto Avenue, Alten Industrial Estate AB12 3JZ Aberdeen Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

Isem tal-manifattur	Microtek Medical B.V.
Indirizz tal-manifattur	Hekkehorst, 24 7207 Zutphen In-Netherlands
Post ta' siti ta' manifattura	Microtek Medical B.V. site 1 Hekkehorst, 24 7207 Zutphen In-Netherlands

Isem tal-manifattur	Dow Europe GmbH
Indirizz tal-manifattur	Bachtobelstrasse 3 8810 Horgen L-Iżvizzera
Post ta' siti ta' manifattura	Dow Europe GmbH site 1 Bachtobelstrasse 3 8810 Horgen L-Iżvizzera

Isem tal-manifattur	Troy Chemical Company B.V. Troy
Indirizz tal-manifattur	Uiverlaan 12e 3145 XN Maassluis In-Netherlands
Post ta' siti ta' manifattura	Troy Chemical Company B.V. Troy site 1 Uiverlaan 12e 3145 XN Maassluis In-Netherlands

Isem tal-manifattur	Thor GmbH
Indirizz tal-manifattur	Landwehrstrasse 1 67346 Speyer Il-Ġermanja
Post ta' siti ta' manifattura	Thor GmbH site 1 Landwehrstrasse 1 67346 Speyer Il-Ġermanja

Isem tal-manifattur	A.F.P. GmbH
Indirizz tal-manifattur	Otto-Brenner-Strasse 16-18 21337 Lueneburg Il-Ġermanja
Post ta' siti ta' manifattura	A.F.P. GmbH site 1 Otto-Brenner-Strasse 16-18 21337 Lueneburg Il-Ġermanja

Isem tal-manifattur	ANIOS
Indirizz tal-manifattur	Pavé du moulin 59260 Lille-Hellemmes Franza
Post ta' siti ta' manifattura	ANIOS site 1 Pavé du moulin 59260 Lille-Hellemmes Franza

Isem tal-manifattur	BELINKA-LJUBLJANA
Indirizz tal-manifattur	Belinka Zasavska Cesta 95 1001 Ljubljana Is-Slovenja
Post ta' siti ta' manifattura	BELINKA-LJUBLJANA site 1 Belinka Zasavska Cesta 95 1001 Ljubljana Is-Slovenja

Isem tal-manifattur	Bentus Laboratories Ltd
Indirizz tal-manifattur	RADIO STREET, 24 BLD.1 105005 Moscow Il-Federazzjoni Russa
Post ta' siti ta' manifattura	Bentus Laboratories Ltd site 1 RADIO STREET, 24 BLD.1 105005 Moscow Il-Federazzjoni Russa

Isem tal-manifattur	BIO_PRODUCTIONS Ltd Inc STAPRO
Indirizz tal-manifattur	72 VICTORIA ROAD, VICTORIA INDUSTRIAL ESTATE RH15 9LH BURGESS HILL Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq
Post ta' siti ta' manifattura	BIO_PRODUCTIONS Ltd Inc STAPRO site 1 72 VICTORIA ROAD, VICTORIA INDUSTRIAL ESTATE RH15 9LH BURGESS HILL Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

Isem tal-manifattur	BORES S.R.L.
Indirizz tal-manifattur	Via Pioppa, 179 44030 Pontegradella (FE) L-Italja
Post ta' siti ta' manifattura	BORES S.R.L. site 1 Via Pioppa, 179 44030 Pontegradella (FE) L-Italja

Isem tal-manifattur	BRENNTAG CEE - GUNTRAMSDORF
Indirizz tal-manifattur	Bahnstr. 13 A-2353 Guntramsdorf L-Awstrija
Post ta' siti ta' manifattura	BRENNTAG CEE - GUNTRAMSDORF site 1 Bahnstr. 13 A-2353 Guntramsdorf L-Awstrija

Isem tal-manifattur	BRENNTAG GmbH Duisburg
Indirizz tal-manifattur	Humboldtring 15 45472 Muehlheim Il-Ġermanja
Post ta' siti ta' manifattura	BRENNTAG GmbH Duisburg site 1 Humboldtring 15 45472 Muehlheim Il-Ġermanja

Isem tal-manifattur	BRENNTAG Glauchau
Indirizz tal-manifattur	Humboldtring 15 45472 Muehlheim Il-Ġermanja
Post ta' siti ta' manifattura	BRENNTAG Glauchau site 1 Humboldtring 15 45472 Muehlheim Il-Ġermanja

Isem tal-manifattur	BRENNTAG Hamburg
Indirizz tal-manifattur	Humboldtring 15 45472 Muehlheim Il-Ġermanja
Post ta' siti ta' manifattura	BRENNTAG Hamburg site 1 Humboldtring 15 45472 Muehlheim Il-Ġermanja

Isem tal-manifattur	BRENNTAG Heilbronn
Indirizz tal-manifattur	Humboldtring 15 45472 Muehlheim Il-Ġermanja
Post ta' siti ta' manifattura	BRENNTAG Heilbronn site 1 Humboldtring 15 45472 Muehlheim Il-Ġermanja

Isem tal-manifattur	BRENNTAG Kaiserslaute
Indirizz tal-manifattur	Merkurstr. 47 67663 Kaiserslautern Il-Ġermanja
Post ta' siti ta' manifattura	BRENNTAG Kaiserslaute site 1 Merkurstr. 47 67663 Kaiserslautern Il-Ġermanja

Isem tal-manifattur	BRENNTAG Kleinkarlbac
Indirizz tal-manifattur	Humboldtring 15 45472 Muehlheim Il-Ġermanja
Post ta' siti ta' manifattura	BRENNTAG Kleinkarlbac site 1 Humboldtring 15 45472 Muehlheim Il-Ġermanja

Isem tal-manifattur	BRENNTAG Lohfelden
Indirizz tal-manifattur	Humboldtring 15 45472 Muehlheim Il-Ġermanja
Post ta' siti ta' manifattura	BRENNTAG Lohfelden site 1 Humboldtring 15 45472 Muehlheim Il-Ġermanja

Isem tal-manifattur	BRENNTAG Nordic - HASLEV
Indirizz tal-manifattur	Høsten Teglværksvej 47 4690 Haslev Id-Danimarka
Post ta' siti ta' manifattura	BRENNTAG Nordic - HASLEV site 1 Høsten Teglværksvej 47 4690 Haslev Id-Danimarka

Isem tal-manifattur	BRENNTAG Nordic - VEJLE
Indirizz tal-manifattur	Vivaa 7100 Vejle Id-Danimarka
Post ta' siti ta' manifattura	BRENNTAG Nordic - VEJLE site 1 Vivaa 7100 Vejle Id-Danimarka

Isem tal-manifattur	BRENNTAG Normandy
Indirizz tal-manifattur	12 Sente des Jumelles - BP 11 76710 Montville Franza
Post ta' siti ta' manifattura	BRENNTAG Normandy site 1 12 Sente des Jumelles - BP 11 76710 Montville Franza

Isem tal-manifattur	BRENNTAG PL -Zgierz
Indirizz tal-manifattur	ul. Kwasowa 5 95-100 Zgierz Il-Polonja
Post ta' siti ta' manifattura	BRENNTAG PL -Zgierz site 1 ul. Kwasowa 5 95-100 Zgierz Il-Polonja

Isem tal-manifattur	BRENNTAG Quimica - Madrid
Indirizz tal-manifattur	Calle Gutemberg nº 22,.Poligono Industrial El Lomo. 28906 Getafe (Madrid) C/ Gutemberg, 22 Polig. Ind. El Lomo 28906 Madrid Spanja
Post ta' siti ta' manifattura	BRENNTAG Quimica - Madrid site 1 Calle Gutemberg nº 22,.Poligono Industrial El Lomo. 28906 Getafe (Madrid) C/ Gutemberg, 22 Polig. Ind. El Lomo 28906 Madrid Spanja

Isem tal-manifattur	BRENNTAG Schweizerhall
Indirizz tal-manifattur	Elsaesserstr. 231 C-4056 Basel L-Iżvizzera
Post ta' siti ta' manifattura	BRENNTAG Schweizerhall site 1 Elsaesserstr. 231 C-4056 Basel L-Iżvizzera

Isem tal-manifattur	Budich International GmbH
Indirizz tal-manifattur	Dieselstrasse 10 32120 Hiddenhause Il-Ġermanja
Post ta' siti ta' manifattura	Budich International GmbH site 1 Dieselstrasse 10 32120 Hiddenhause Il-Ġermanja

Isem tal-manifattur	Caldic Deutschland Chemie B.V
Indirizz tal-manifattur	Am Karlshof 10 D 40231 Duesseldorf Il-Ġermanja
Post ta' siti ta' manifattura	Caldic Deutschland Chemie B.V site 1 Am Karlshof 10 D 40231 Duesseldorf Il-Ġermanja

Isem tal-manifattur	CARBON GROUP
Indirizz tal-manifattur	Ringaskiddy P43 R772 Cork L-Irlanda
Post ta' siti ta' manifattura	CARBON GROUP site 1 Ringaskiddy P43 R772 Cork L-Irlanda

Isem tal-manifattur	COMERCIAL GODO SL
Indirizz tal-manifattur	Carrer de Franca, Igualada 13 08700 Barcelona Spanja
Post ta' siti ta' manifattura	COMERCIAL GODO SL site 1 Carrer de Franca, Igualada 13 08700 Barcelona Spanja

Isem tal-manifattur	DAN MOR (DR WIPE) Natural Products and Chemicals Ltd.
Indirizz tal-manifattur	Or Akiva Industrial Zone 30600 Or Akiva Iżrael
Post ta' siti ta' manifattura	DAN MOR (DR WIPE) Natural Products and Chemicals Ltd. site 1 Or Akiva Industrial Zone 30600 Or Akiva Iżrael

Isem tal-manifattur	DETERGENTS BURGUERA
Indirizz tal-manifattur	S.L. Joan Ballester 50 07630 CAMPOS (ILLES BALEARES) Spanja
Post ta' siti ta' manifattura	DETERGENTS BURGUERA site 1 S.L. Joan Ballester 50 07630 CAMPOS (ILLES BALEARES) Spanja

Isem tal-manifattur	ECL MICROTEK BV
Indirizz tal-manifattur	GESINKKAMPSTRAAT 19 705 HR VARSSEVELD In-Netherlands
Post ta' siti ta' manifattura	ECL MICROTEK BV site 1 GESINKKAMPSTRAAT 19 705 HR VARSSEVELD In-Netherlands

Isem tal-manifattur	ECL MICROTEK MOSTA
Indirizz tal-manifattur	SORBONNE CENTRE, F20 MOSTA TECHNOPARK MST 3000 MOSTA Malta
Post ta' siti ta' manifattura	ECL MICROTEK MOSTA site 1 SORBONNE CENTRE, F20 MOSTA TECHNOPARK MST 3000 MOSTA Malta

Isem tal-manifattur	Ferdinand Eimermacher GmbH & Co. KG
Indirizz tal-manifattur	Westring 24 48356 Nordwalde Il-Ġermanja
Post ta' siti ta' manifattura	Ferdinand Eimermacher GmbH & Co. KG site 1 Westring 24 48356 Nordwalde Il-Ġermanja

Isem tal-manifattur	GALLOWS GREEN SERVICES LTD
Indirizz tal-manifattur	Cod Beck Mill Industrial Estate Dalton Lane YO7 3HR Thirsk Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq
Post ta' siti ta' manifattura	GALLOWS GREEN SERVICES LTD site 1 Cod Beck Mill Industrial Estate Dalton Lane YO7 3HR Thirsk Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

Isem tal-manifattur	GIRASOL NATURAL PRODUCTS BV
Indirizz tal-manifattur	De Veldoven 12-14 3342 GR Hendrik-Ido-Ambacht In-Netherlands
Post ta' siti ta' manifattura	GIRASOL NATURAL PRODUCTS BV site 1 De Veldoven 12-14 3342 GR Hendrik-Ido-Ambacht In-Netherlands

Isem tal-manifattur	HENKEL ENGELS
Indirizz tal-manifattur	Prospekt Stroitelei 413116 Engels Il-Federazzjoni Russa
Post ta' siti ta' manifattura	HENKEL ENGELS site 1 Prospekt Stroitelei 413116 Engels Il-Federazzjoni Russa

Isem tal-manifattur	imeco GmbH & Co. KG
Indirizz tal-manifattur	Boschstraße 5 D-63768 Hösbach Il-Ġermanja
Post ta' siti ta' manifattura	imeco GmbH & Co. KG site 1 Boschstraße 5 D-63768 Hösbach Il-Ġermanja

Isem tal-manifattur	INNOVATE GmbH
Indirizz tal-manifattur	Am Hohen Stein 11 06618 Naumburg Il-Ġermanja
Post ta' siti ta' manifattura	INNOVATE GmbH site 1 Am Hohen Stein 11 06618 Naumburg Il-Ġermanja

Isem tal-manifattur	INTERFILL LLC-TOSNO
Indirizz tal-manifattur	Moskovskoye shosse 1 Tosno 187000 Leningradskaya oblast Il-Federazzjoni Russa
Post ta' siti ta' manifattura	INTERFILL LLC-TOSNO site 1 Moskovskoye shosse 1 Tosno 187000 Leningradskaya oblast Il-Federazzjoni Russa

Isem tal-manifattur	Kleinmann GmbH
Indirizz tal-manifattur	Am Trieb 13 72820 Sonnenbühl Il-Ġermanja
Post ta' siti ta' manifattura	Kleinmann GmbH site 1 Am Trieb 13 72820 Sonnenbühl Il-Ġermanja

Isem tal-manifattur	KOMPAK NEDERLAND BV
Indirizz tal-manifattur	Ambachtsweg 4 4854 Bavel In-Netherlands
Post ta' siti ta' manifattura	KOMPAK NEDERLAND BV site 1 Ambachtsweg 4 4854 Bavel In-Netherlands

Isem tal-manifattur	La Antigua Lavandera SL
Indirizz tal-manifattur	Ctra. Antigua Sevilla-Alcalá Km.1,5 (SE-410) Apartado de Correos, 58 41500 Alcal de Guadaira, Seville Spanja
Post ta' siti ta' manifattura	La Antigua Lavandera SL site 1 Ctra. Antigua Sevilla-Alcalá Km.1,5 (SE-410) Apartado de Correos, 58 41500 Alcal de Guadaira, Seville Spanja

Isem tal-manifattur	LICHTENHELDT GmbH
Indirizz tal-manifattur	Lichtenheldt Industriestrasse 7-9 23812 Wahlstedt Il-Ġermanja
Post ta' siti ta' manifattura	LICHTENHELDT GmbH site 1 Lichtenheldt Industriestrasse 7-9 23812 Wahlstedt Il-Ġermanja

Isem tal-manifattur	Multifill B.V.
Indirizz tal-manifattur	Constructieweg 25-A 3641 SB Mijdrecht In-Netherlands
Post ta' siti ta' manifattura	Multifill B.V. site 1 Constructieweg 25-A 3641 SB Mijdrecht In-Netherlands

Isem tal-manifattur	PAL INTERNATIONAL LTD
Indirizz tal-manifattur	Sandhurst Street LE2 5AR Leicester Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq
Post ta' siti ta' manifattura	PAL INTERNATIONAL LTD site 1 Sandhurst Street LE2 5AR Leicester Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

Isem tal-manifattur	PLANOL GmbH
Indirizz tal-manifattur	Maybachstr. 17 63456 Hanau Il-Ġermanja
Post ta' siti ta' manifattura	PLANOL GmbH site 1 Maybachstr. 17 63456 Hanau Il-Ġermanja

Isem tal-manifattur	PLUM A/S
Indirizz tal-manifattur	Frederik Plums Vej 2 DK 5610 Assens Id-Danimarka
Post ta' siti ta' manifattura	PLUM A/S site 1 Frederik Plums Vej 2 DK 5610 Assens Id-Danimarka

Isem tal-manifattur	QUIMICAS MORALES
Indirizz tal-manifattur	Misiones, 11 - Urb. El Sebadal 05005 LAS PALMAS DE GRAN CANARIA Spanja
Post ta' siti ta' manifattura	QUIMICAS MORALES site 1 Misiones, 11 - Urb. El Sebadal 05005 LAS PALMAS DE GRAN CANARIA Spanja

Isem tal-manifattur	RNM PRODUCTOS QUIMICOS
Indirizz tal-manifattur	Lda Rua da Fabrica, 123, Segada 4765-080 Carreira Vila Nova de Famalicao Il-Portugall
Post ta' siti ta' manifattura	RNM PRODUCTOS QUIMICOS site 1 Lda Rua da Fabrica, 123, Segada 4765-080 Carreira Vila Nova de Famalicao Il-Portugall

Isem tal-manifattur	ROQUETTE & BARENTZ
Indirizz tal-manifattur	Roquette Freres Route De La Gorgue F-62136 Lestrem Franza
Post ta' siti ta' manifattura	ROQUETTE & BARENTZ site 1 Roquette Freres Route De La Gorgue F-62136 Lestrem Franza

Isem tal-manifattur	RUTPEN LTD.
Indirizz tal-manifattur	MEMBURY AIRFIELD RG16 7TJ Lambourn Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq
Post ta' siti ta' manifattura	RUTPEN LTD. site 1 MEMBURY AIRFIELD RG16 7TJ Lambourn Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

Isem tal-manifattur	SOLIMIX Montseny
Indirizz tal-manifattur	17-19 Pol. Ind. Sant Pere Molanta 08799 Olerdola, Barcelona Spanja
Post ta' siti ta' manifattura	SOLIMIX Montseny site 1 17-19 Pol. Ind. Sant Pere Molanta 08799 Olerdola, Barcelona Spanja

Isem tal-manifattur	STAUB & CO - SILBERMAN GMBH
Indirizz tal-manifattur	Industriestraße 3 86456 Gablingen Il-Ġermanja
Post ta' siti ta' manifattura	STAUB & CO - SILBERMAN GMBH site 1 Industriestraße 3 86456 Gablingen Il-Ġermanja

Isem tal-manifattur	SYNERLOGIC BV (- IN2FOOD)
Indirizz tal-manifattur	L.J. Costerstraat 5 6827 Arnhem In-Netherlands
Post ta' siti ta' manifattura	SYNERLOGIC BV (- IN2FOOD) site 1 L.J. Costerstraat 5 6827 Arnhem In-Netherlands

Isem tal-manifattur	Univar Ltd
Indirizz tal-manifattur	Argyle House, Epsom Avenue SK9 3RN Wilmslow. Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq
Post ta' siti ta' manifattura	Univar Ltd site 1 Argyle House, Epsom Avenue SK9 3RN Wilmslow Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

Isem tal-manifattur	VAN DAM BODEGRAVEN
Indirizz tal-manifattur	Postbus 48 NL 2410 AA Bodegraven In-Netherlands
Post ta' siti ta' manifattura	VAN DAM BODEGRAVEN site 1 Postbus 48 NL 2410 AA Bodegraven In-Netherlands

1.5. **Manifattur(i) tas-sustanza(i) attiva(i)**

Sustanza attiva	C(M)IT/MIT (3:1)
Isem tal-manifattur	Microbial Control (Switzerland) GmbH
Indirizz tal-manifattur	Hungerbüelstrasse 22 8500 Frauenfeld L-Iżvizzera
Post ta' siti ta' manifattura	Microbial Control (MC) Jiangsu FOPIA Chemicals Co. Ltd., Touzeng Village, Binhuai Town, Binhai Country, Jiangsu, 224555 Yancheng City Iċ-Ċina

2. **KOMPOŻIZZJONI TAL-FAMILJA TAL-PRODOTT U FORMULAZZJONI**

2.1. **Informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-kompożizzjoni tal-familja**

Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru EC	Kontenut (%)
C(M)IT/MIT (3:1)	Massa ta' reazzjoni ta' 5-kloru-2-metil-2H-isotijażol-3-on u 2-metil-2H-isotijażol-3-on (3:1)	sustanza attiva	55965-84-9		2,6 - 7,51 % (w/w)

2.2. **Tip(i) ta' formulazzjoni**

Tip(i) ta' formulazzjoni	AL Kwalunkwe likwidu ieħor

PART II

IT-TIENI LIVELL TA' INFORMAZZJONI META SPC(S)

1. **META SPC 1 INFORMAZZJONI AMMINISTRATTIVA**

1.1. **Meta SPC 1 identifikatur**

Identifikatur	Meta SPC: META 1

1.2. **Suffiss għan-numru tal-awtorizzazzjoni**

Numru	1-1

1.3. **Tip(i) ta' prodott**

Tip(i) ta' prodott	PT11: Preżervattivi għal sistemi tat-tkessiħ u tal-ipproċessar tal-likwidi PT12: Slimiċidi

2. **KOMPOŻIZZJONI TAL-META SPC 1**

2.1. **Informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-kompożizzjoni tal-meta SPC 1**

Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru EC	Kontenut (%)
C(M)IT/MIT (3:1)	Massa ta' reazzjoni ta' 5-kloru-2-metil-2H-isotijażol-3-on u 2-metil-2H-isotijażol-3-on (3:1)	sustanza attiva	55965-84-9		2,6 - 2,9 % (w/w)

2.2. **Tip(i) ta' formulazzjoni tal-meta SPC 1**

Tip(i) ta' formulazzjoni	AL Kwalunkwe likwidu ieħor

3. **DIKJARAZZJONIJIET TA' PERIKLU U TA' PREKAWZJONI TAL-META SPC 1**

Dikjarazzjonijiet ta' periklu	H290: Jista' jkun korrużiv għall-metalli. H314: Jagħmel ħruq serju lill-ġilda u ħsara lill-għajnejn. H317: Jista' jikkawża reazzjoni allerġika tal-ġilda. H410: Tossiku ħafna għall-organiżmi akkwatiċi b'mod li jħalli effetti dejjiema.

Dikjarazzjonijiet ta' prekawzjoni	P391: Iġbor it-tixrid. P234: Żomm biss fl-imballaġġ oriġinali. P260: Tiblax bin-nifs raxx. P272: Ilbies tax-xogħol kontaminat ma għandux jitħalla joħroġ mill-post tax-xogħol. P273: Evita r-rilaxx fl-ambjent. P280: Ilbes ingwanti protettivi/ilbies protettiv/ protezzjoni għall-għajnejn/protezzjoni għall-wiċċ. P301+P330+P331: JEKK JINBELA': laħlaħ il-ħalq. TIPPROVOKAX ir-remettar. P303+P361+P353: JEKK FUQ IL-ĠILDA (jew fuq ix-xagħar): Neħħi minnufih l-ilbies kontaminat kollu. Laħlaħ il-ġilda bl-ilma [jew bix-xawer]. P310: Ikkuntattja immedjatament ĊENTRU TAL-AVVELENAMENT jew tabib. P304+P340: JEKK JITTIEĦED MAN-NIFS: Esponi lill-persuna għall-arja friska u żommha komda sabiex tkun tista' tieħu n-nifs. P305+P351+P338: JEKK JIDĦOL FL-GĦAJNEJN: Laħlaħ b'attenzjoni bl-ilma għal diversi minuti. Neħħi l-lentijiet tal-kuntatt, jekk ikun hemm u jkunu faċli sabiex tneħħihom. Kompli laħlaħ. P333+P313: Jekk ikun hemm irritazzjoni jew raxx tal-ġilda: Ikkonsulta tabib. P362+P364: Neħħi l-ħwejjeġ kontaminati u aħsilhom qabel ma terġa' tużahom. P390: Assorbi t-tixrid sabiex tipprevjeni ħsara fil-materjal. P405: Aħżen f'post imsakkar. P501: Armi l-kontenut fi servizz ta' rimi ta' skart perikoluż skont ir-regolamenti statutorji. P501: Armi l-kontenitur fi servizz ta' rimi ta' skart perikoluż skont ir-regolamenti statutorji.

4. **UŻU/I AWTORIZZAT(I) TAL-META SPC**

4.1. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 1

Uża 1.1 Preservattivi għal sistemi tat-tkessiħ u tal-ipproċessar tal-likwidi (Preservattivi)

Tip ta' prodott	PT11: Preżervattivi għal sistemi tat-tkessiħ u tal-ipproċessar tal-likwidi
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	-

Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: l-ebda data Isem komuni: bakterja Istadju iżvilupp: l-ebda data Isem xjentifiku: l-ebda data Isem komuni: ħmejjer Istadju iżvilupp: l-ebda data Isem xjentifiku: l-ebda data Isem komuni: fungi Istadju iżvilupp: l-ebda data Isem xjentifiku: l-ebda data Isem komuni: alka Istadju iżvilupp: l-ebda data Isem xjentifiku: l-ebda data Isem komuni: Legionella pneumophila Istadju iżvilupp: l-ebda data Isem xjentifiku: l-ebda data Isem komuni: rita bijoloġika Istadju iżvilupp: l-ebda data
Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa użu fuq barra Preservazzjoni ta' fluwidi f'sistemi ta' tkessiħ bi skariku fid-drenaġġ muniċipali fi: Sistemi ta' tkessiħ riċirkolatorji miftuħin, sistema ta' tkessiħ magħluqa. Preservazzjoni ta' likwidi tal-ipproċessar fi: Pasturizzaturi u sterilizzaturi, ħassiela bl-arja u purifikaturi.
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: sistema magħluqa Deskrizzjoni dettaljata: Alimenta l-prodott permezz ta' sistema ta' alimentazzjoni magħluqa. Il-prodott għandu jiġi applikat permezz ta' proċess awtomatizzat bl-użu ta' pompi jew injezzjoni. Il-prodott jista' jiġi miżjud waqt li l-proċess ikun għaddej.
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: Manutenzjoni: Bakterja 100-200 ppm tal-prodott (1.5-3 mg sa/l (sustanza attiva kull litru ta' fluwidu li jrid jiġi ppreservat)) Legionella 50-200 ppm tal-prodott (0.75-3 mg sa/l) Rita bijoloġika 200 ppm tal-prodott (3 mg sa/l) Kurattiv: Bakterja 400 ppm tal-prodott ħin ta' kuntatt ta' 6 sigħat (6 mg sa/l) Legionella 100-400 ppm tal-prodott ħin ta' kuntatt ta' 6 sigħat (1.5-6 mg sa/l) Ħmejjer u fungi 200-400 ppm tal-prodott ħin ta' kuntatt ta' 6 sigħat (3-6 mg sa/l) Alka 100-400 ppm tal-prodott ħin ta' kuntatt ta' 6 sigħat (1.5-6 mg sa/l) - Numru u ħin tal-applikazzjoni: Frekwenza tal-manutenzjoni: erba' darbiet kuljum sa darba fil-ġimgħa. Kurattiv: Dan jista' jiġi implimentat meta jintilef il-kontroll jew meta d-data ta' sorveljanza tissuġerixxi li hija meħtieġa implimentazzjoni kurattiva, madanakollu dan m'għandux ikun aktar minn darba kull xahrejn f'każ ta' inkrostazzjoni qawwija.

Kategorija/i ta' utenti	industrijali ; professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	Brarmel opaki tal-polietilene ta' 20-100 kg Tankijiet opaki tal-polietilene ta' 50-500 kg Kontenitur intermedju tal-ingrossa (IBC) opak tal-polietilene ta' 2 000-2 000 kg

4.1.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Dan il-prodott għandu jiġu mitmugħ permezz ta' slug fl-ilma tat-tkessiħ li qed jiġi riċirkolat u tal-proċess b'mod li jinkisbu l-firxa u esponiment massimi għaż-żoni tas-sistema bl-ogħla livell ta' mikroorganiżmi. Il-prodott għandu jiġi miżjud mas-sistema skont id-daqs tas-sistema, pereżempju biex tinkiseb konċentrazzjoni ta' 100 ppm f'sistema ta' 10 000 l irid jiġi miżjud 1 000 ml (1 l) tal-prodott.

L-intervall bejn żewġ dożi jiddependi wkoll mill-ħin ta' ritenzjoni idrawlika tas-sistema u t-tneħħija tas-sustanza attiva permezz ta' degradazzjoni u blowdown. Il-prodott jista' jakkumula fil-fluwidi ta' preservazzjoni meta jiġi ddożat wisq ta' spiss. Hija r-responsabbiltà tal-utent finali li jiddetermina d-doża effettiva fuq il-post (eż. permezz ta' testijiet kimiċi jew mikrobijoloġiċi) għall-post/sistema speċifika biex jiżgura li s-sistema tkun effikaċji taħt il-kundizzjonijiet ta' użu. Jekk meħtieġ, ikkonsulta d-detentur tal-awtorizzazzjoni (kif speċifikat fit-tikketta).

4.1.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Ilbes Tagħmir ta' Protezzjoni Personali kompatibbli:

Matul il-fażi tal-immaniġġar tal-prodott, ilbes ingwanti protettivi reżistenti għall-kimika li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Istandard Ewropew EN ISO 374 jew ekwivalenti (il-materjal tal-ingwanti għandu jiġi speċifikat mid-detentur tal-awtorizzazzjoni fl-informazzjoni dwar il-prodott).

Ilbes tuta protettiva li tgħatti kollox tat-tip 6, konsistenti mal-Istandard Ewropew EN 13034 jew ekwivalenti.

L-użu ta' protezzjoni tal-għajnejn konsistenti mal-Istandard Ewropew EN ISO166 jew ekwivalenti waqt l-immaniġġar tal-prodott huwa obbligatorju.

Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE u leġiżlazzjonijiet oħra tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Ara t-taqsima 6 għar-referenzi sħaħ għal dan l-att u l-Istandards Ewropej.

L-użu huwa ristrett għal sistemi ta' tkessiħ żgħar bi blowdown massimu ta' 2 m^3/siegħa. L-ilma mormi għandu jiġi skarikat fid-drenaġġ muniċipali jew ippurifikat f'impjant ta' trattament tad-drenaġġ industrijali fuq is-sit li jinkludi stadju ta' trattament bijoloġiku.

Il-prodott jista' jiġi applikat biss meta t-torrijiet ta' tkessiħ ikunu mgħammra b'eliminaturi tal-kurrent li jnaqqsu l-kurrent b'tal-anqas 99%.

4.1.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Jekk jogħġbok irreferi għad-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.1.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

Jekk jogħġbok irreferi għad-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.1.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Jekk jogħġbok irreferi għad-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.2. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 2

Uża 1.2 Sustanza kontra l-ħama fl-industrija tal-polpa u l-karta (Preservattivi)

Tip ta' prodott	PT12: Slimiċidi
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	-
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: l-ebda data Isem komuni: bakterja Istadju iżvilupp: l-ebda data Isem xjentifiku: l-ebda data Isem komuni: ħmejjer Istadju iżvilupp: l-ebda data Isem xjentifiku: l-ebda data Isem komuni: fungi Istadju iżvilupp: l-ebda data Isem xjentifiku: l-ebda data Isem komuni: rita bijoloġika Istadju iżvilupp: l-ebda data
Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa Għall-użu bħala sustanza kontra l-ħama fl-industrija tal-polpa u l-karta, proċess ta' tneħħija ta' linka, tarf imxarrab / ilma abjad, polpa inkluż waqt li l-magna tintefa'. Stokk oħxon (li jinkludi l-karta mormija, t-taħlitiet tal-polpa, it-tankijiet tat-taħlit tal-magna kif ukoll il-polpa riċiklata). Ilma abjad, ilma mdardar u ilma nadif. Stokk irqiq. Kontroll ta' Korrużjoni Indotta Mikrobijoloġikament (MIC) u inkrostazzjoni bijoloġika ta' deaerators u filtri. Kontroll ta' tkabbir ta' ħama f'additivi speċifikament maħsubin biex jintużaw fil-proċess tal-produzzjoni tal-karta.
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: sistema magħluqa Deskrizzjoni dettaljata: Alimenta l-prodott permezz ta' sistema ta' alimentazzjoni magħluqa. Il-prodott għandu jiġi applikat permezz ta' proċess awtomatizzat bl-użu ta' pompi jew injezzjoni. Il-prodott jista' jiġi miżjud waqt li l-proċess ikun għaddej.
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: Għall-industrija tal-polpa u l-karta, alimenta fuq bażi intermittenti (slug): Additivi użati fil-produzzjoni tal-karta: Manutenzjoni: Bakterja 50-400 ppm tal-prodott (0.75-6 mg sa/l(sustanza attiva kull litru)) Ħmira 100-400 ppm tal-prodott (1.5-6 mg sa/l) Kurattiv: Bakterja 50-400 ppm tal-prodott ħin ta' kuntatt ta' 24 siegħat (0.75-6 mg sa/l) Ħmejjer u fungi 200-400 ppm tal-prodott ħin ta' kuntatt ta' 6 siegħat (3-6 mg sa/l) Sistema tal-magna tal-karti (li tinkludi tarf imxarrab, ilma abjad u polpa) Manutenzjoni: Batterji u ħmejjer 25-400 ppm tal-prodott (0.38-6 mg sa/l) Rita bijoloġika 200-400 ppm tal-prodott (3-6 mg sa/l) Kurattiv: Bakterja 200-400 ppm tal-prodott ħin ta' kuntatt ta' 24 siegħat (3-6 mg sa/l) Ħmira 25-400 ppm tal-prodott ħin ta' kuntatt ta' 24 siegħat (0.38-6 mg sa/l) Fungi 400 ppm tal-prodott ħin ta' kuntatt ta' 6 siegħat (6 mg sa/l) -

	Numru u ħin tal-applikazzjoni: Għall-industrija tal-polpa u l-karta, alimenta fuq bażi intermittenti (slug). Addittivi użati fil-produzzjoni tal-karta u fis-sistema tal-magna tal-karti (li tinkludi tarf imxarrab, ilma abjad u polpa): — Frekwenza tal-manutenzjoni: erba' darbiet kuljum sa darba fil-ġimgħa. — Kurattiv: dan jista' jiġi implimentat meta jintilef il-kontroll jew meta d-data ta' sorveljanza tissuġerixxi li hija meħtieġa implimentazzjoni kurattiva, madanakollu dan m'għandux ikun aktar minn darba kull xahrejn.
Kategorija/i ta' utenti	industrijali ; professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	Brarmel opaki tal-polietilene ta' 20-100 kg Tankijiet opaki tal-polietilene ta' 50-500 kg IBCs opaki tal-polietilene ta' 1 000-2 000 kg

4.2.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Alimenta l-prodott fuq bażi intermittenti biex jipprovdi preservazzjoni ta' għadd ta' mikrobi aċċettabbli (livell baxx) fis-sistema tal-magna tal-karta. Alimenta l-prodott fit-tarf imxarrab b'mod intermittenti fit-tank tat-taħlit tal-magna jew tank tal-istokk simili jew fl-addittivi użati fil-produzzjoni tal-karta. Waħdu m'għandu qatt jintuża fuq ċirkuwitu qasir imma lura fis-sistema.

Id-doża tiddependi ħafna fuq il-formulazzjoni u l-użu maħsub tal-mattriċi li magħha jiġi miżjud il-preservattiv. L-intervall bejn żewġ dożi jiddependi wkoll mill-ħin ta' ritenzjoni idrawlika tas-sistema u t-tneħħija tas-sustanza attiva permezz, pereżempju, ta' degradazzjoni u dilwizzjoni. Il-prodott jista' jakkumula fi fluwidi tal-ipproċessar meta ddożat ta' spiss. Hija r-responsabbiltà tal-utent finali li jiddetermina d-doża effettiva fuq il-post (eż. permezz ta' testijiet kimiċi jew mikrobijoloġiċi) għall-post/sistema speċifika biex jiżgura li s-sistema tkun effikaċji taħt il-kundizzjonijiet ta' użu. Jekk meħtieġ, ikkonsulta d-detentur tal-awtorizzazzjoni (kif speċifikat fit-tikketta).

Il-prodott għandu jiġi miżjud abbażi tal-volum tas-sistema, pereżempju biex tintlaħaq konċentrazzjoni ta' 100 ppm f'sistema ta' 10 000 l jrid jiġi miżjud 1 000 ml (1 l) ta' prodott.

4.2.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Saħħet il-Bniedem:

Ilbes Tagħmir ta' Protezzjoni Personali kompatibbli:

Matul il-fażi tal-immaniġġar tal-prodott, ilbes ingwanti protettivi reżistenti għall-kimika li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Istandard Ewropew EN ISO 374 jew ekwivalenti (il-materjal tal-ingwanti għandu jiġi speċifikat mid-detentur tal-awtorizzazzjoni fl-informazzjoni dwar il-prodott).

Ilbes tuta protettiva li tgħatti kollox tat-tip 6, konsistenti mal-Istandard Ewropew EN 13034 jew ekwivalenti.

L-użu ta' protezzjoni tal-għajnejn konsistenti mal-Istandard Ewropew EN ISO166 jew ekwivalenti waqt l-immaniġġar tal-prodott huwa obbligatorju.

Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE u leġiżlazzjonijiet oħra tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Ara t-taqsima 6 għar-referenzi sħaħ għal dan l-att u l-Istandards Ewropej.

Ambjent:

L-applikazzjoni hija permessa biss f'fabbriki tal-karta li jikkonformaw mad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali (2010/75/UE) fejn l-ilma mormi jiġi ppurifikat f'impjant ta' trattament tad-drenaġġ industrijali fis-sit, li jinkludi stadju ta' trattament bijoloġiku b'konformità mal-Aħjar Metodi Tekniċi (BAT) kif ippreżentati fid-dokument ta' referenza tal-BAT (BREF) għall-produzzjoni ta' polpa, karta u kartun. l-effluwent għandu jiġi dilwit tal-anqas 200 darba. Il-fabbriki tal-karta li huma eżentati mid-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali għandhom jiskarikaw ġod-drenaġġ muniċipali.

4.2.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Jekk jogħġbok irreferi għad-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.2.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

Jekk jogħġbok irreferi għad-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.2.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Jekk jogħġbok irreferi għad-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

5. STRUZZJONIJIET ĠENERALI GĦALL-UŻU TAL-META SPC 1

5.1. Struzzjonijiet għall-użu

Proċeduri ta' ġestjoni tar-reżistenza għandhom jiġu adottati kif ġej:

— il-prodotti għandhom dejjem jintużaw b'konformità mar-rakkomandazzjonijietta' fuq it-tikketta

— l-eliminazzjoni ta' tkabbir mikrobijali għandha dejjem tiġi pprovata billi jintużaw rati ta' applikazzjoni li huma murija li huma effettivi

— il-livelli ta' effettività għandhom jiġu mmonitorjati u każijiet ta' effettività mnaqqsa għandhom jiġu mistħarrġa għal evidenza possibbli ta' reżistenza.

Fl-użu kummerċjali, C(M)IT/MIT ta' spiss jiġi użat f'kombinazzjoni jew f'rotazzjoni ma' bijoċidi oħrajn f'diversi applikazzjonijiet. Ir-reżistenza mikrobikai għal C(M)IT/MIT tista' tiġi evitata billi taqleb jew talterna ma' bijoċidi jew billi tuża kombinazzjonijiet ma' sustanzi attivi oħrajn.

Il-ħaddiema u l-individwi kollha li jimmaniġġjaw il-prodott għandu jkollhom aċċess għall-Iskedi tad-Data tas-Sikurezza (SDS) u l-Skedi tad-Data Teknika (TDS)

5.2. Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji

Irreferi għal miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu

Miżuri ta' mmaniġġjar tar-riskji organizzazzjonali:

— Il-mili għandu jiġi ristrett għal proċessi awtomatiċi.

— Ħaddiema involuti f'tiswijiet jew attivitajiet ta' tindif għandhom ilaħalħu s-sistema qabel il-ftuħ u t-tindif.

— Huma meħtieġa stazzjon għall-ħasil tal-għajnejn u doċċa ta' sikurezza.

5.3. Dettalji tal-effetti diretti jew indiretti, struzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent

Protezzjoni għal dawk li jagħtu l-ewwel għajnuna: Ilbes tagħmir ta' protezzjoni personali adattat.

Struzzjonijiet dwar l-ewwel għajnuna:

JEKK JINĠIBED MAN-NIFS: Esponi lill-vittma għall-arja friska u żommha mistrieħa f'pożizzjoni komda biex tkun tista' tieħu n-nifs. Jekk ikun hemm sintomi: Sejjaħ lill-112/ambulanza għal għajnuna medika. Jekk ma jkunx hemm sintomi: Sejjaħ ĊENTRU TAL-AVVELENAMENTI jew tabib.

JEKK JINBELA': Laħlaħ ħalqek minnufih. Agħti lill-persuna esposta xi ħaġa x'tixrob jekk din tista' tibla'. TIPPROVOKAX ir-remettar. Sejjaħ lill-112/ambulanza għal għajnuna medika.

F'KAŻ TA' KUNTATT MAL-ĠILDA: Baħbaħ minnufih il-ġilda b'ħafna ilma. Wara, neħħi l-ħwejjeġ kontaminati kollha u aħsilhom qabel terġa' tilbishom. Ibqa' laħlaħ il-ġilda bl-ilma għal 15-il minuta. Sejjaħ ĊENTRU TAL-AVVELENAMENTI jew tabib. Jekk ikun hemm irritazzjoni jew raxx tal-ġilda: Ikkonsulta tabib.

JEKK JIDĦOL FL-GĦAJNEJN: Laħlaħ minnufih bl-ilma għal ħafna minuti. Neħħi l-lentijiet tal-kuntatt, jekk ikun hemm u jkunu faċli biex tneħħihom. Kompli laħlaħ għal tal-inqas 15-il minuta. Sejjaħ lill-112/ambulanza għal għajnuna medika.

Prekawzjonijiet ambjentali:

F'każ ta' tixrid, evita li l-materjal jidħol fid-drenaġġ jew fil-korsiji tal-ilma. Tħallix material jikkontamina s-sistema tal-ilma tal-pjan. Evita li l-prodott jidħol fil-katusi. Jekk il-katusi, in-nixxigħat, il-ħamrija jew id-drenaġġ jiġu kkontaminati, avża l-awtorità lokali. Il-prodott imxerred jista' jkun ta' riskju għall-ekosistema akkwatika jekk jiġi rilaxxat.

Metodi u materjal għall-konteniment u t-tindif:

TIXRID ŻGĦIR: Agħmel diga u assorbi b'matejal inerti (eż., xaħx, ramel), impala s-solidi kontaminati kollha ġo barmil jew tank u mbagħad ittratta b'biżżejjed soluzzjoni ta' diżattivazzjoni biex ixxarrab is-solidi sew. Ħalli dawn ir-reċipjenti miftuħa għal 48 siegħa biex tevita li tinbena pressjoni u mbagħad issiġilla għar-rimi. It-tagħmir bir-residwi għandu jiġi dekontaminat qabel ma jsir xogħol ta' manutenzjoni jew tiswija jew jintuża għal xi servizz ieħor. Uċuħ kontaminati għandhom jintmesħu b'soluzzjoni ta' diżattivazzjoni, stenna sakemm ir-reazzjoni tbatti u laħlaħ sew b'ilma nadif.

TIXRID KBIR: Xarrab b'materjal assorbenti inerti. Ittrasferixxi l-materjal kontaminanti ġo reċipjenti adattati għar-rimi. Uċuħ kontaminati għandhom jintmesħu b'soluzzjoni ta' diżattivazzjoni, ħallihom joqgħodu għal 30 sekonda u laħlaħ sew b'ilma nadif.

M'GĦANDEKX iżżid is-soluzzjoni ta' diżattivazzjoni mar-reċipjent tal-iskart biex tiddiżattiva l-materjal assorbit.

* SOLUZZJONI TA' DIŻATTIVAZZJONI - ħejji soluzzjoni friska ta' 5% bikarbonat tas-sodju u 5% ipoklorit tas-sodju fl-ilma. Uża proporzjon ta' 10 volumi ta' soluzzjoni ta' dekontaminazzjoni għal kull volum stmat ta' tixrid residwu. Ikkuntattja trasportatur approvat tal-iskart għar-rimi ta' materjal irkuprat. Armi l-materjal f'konformità mar-regolamenti indikati fl-Iskeda tad-Data tas-Sikurezza.

5.4. **Struzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u tal-imballaġġ tiegħu**

Armi b'konformità mad-Direttivi Ewropej dwar l-iskart u l-iskart perikoluż. Il-kodiċijiet tal-iskart għandhom jiġu assenjati mill-utent, preferibbilment f'diskussjoni mal-awtoritajiet tar-rimi tal-iskart.

Il-prodott ma għandux jiġi rilaxxati fil-ħamrija, fil-mogħdijiet tal-ilma jew kwalunkwe tip ta'drenaġġ. Fejn huwa possibbli huwa ppreferut ir-riċiklaġġ mir-rimi. Jekk ir-riċiklaġġ mhuwiex prattiku, iddisponi b'konformità mar-regolamenti lokali. Iddispona mill-iskart f'faċilità għar-rimi ta' skart approvata.

Imballaġġ ikkontaminat: Armi kwalunkwe prodott mhux użat. Kontenituri vojta għandhom jittieħdu f'sit tal-immaniġġjar tal-iskart approvat. Terġax tuża kontenituri vojta.

5.5. **Il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin**

Żmien kemm idum tajjeb il-prodott: 24 xahar.

Taħżinx f'temperatura ogħla minn 40°C.

Żomm il-kontenitur magħluq sew. Aħżen f'kontenituri ttikkettjati kif xieraq.

6. **INFORMAZZJONI OĦRA**

It-titoli sħaħ tal-standards EN li għalihom qed issir referenza fit-taqsimiet "Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju speċifiċi għall-użu" huma:

EN ISO 374 - Ingwanti protettivi kontra kimiċi u mikroorganiżmi perikoluż.

EN ISO 166 – Protezzjoni tal-għajnejn personali standard

EN 13034 - Ilbies protettiv kontra sustanzi kimiċi likwidi - Rekwiżiti tal-prestazzjoni għal ilbies protettiv kontra sustanzi kimiċi li joffri prestazzjoni protettiva limitata kontra sustanzi kimiċi likwidi (tagħmir tat-Tip 6 u Tip PB).

Id-Direttiva tal-kunsill 98/24/KE tas-7 ta' April 1998 dwar il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema mir-riskji li għandhom x'jaqsmu mal-aġenti kimiċi fuq il-post tax-xogħol (l-erbatax-il Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 131, 5.5.1998, p. 11).

Fir-rigward tal-"Kategorija/Kategoriji ta' utenti" innota: "Professjonisti (li jinkludu utenti industrijali)" tfisser professjonisti mħarrġa jekk dan huwa meħtieġ mil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

7. **IT-TIELET LIVELL TA' INFORMAZZJONI: PRODOTTI INDIVIDWALI FIL-META SPC 1**

7.1. **Isem/Ismijiet kummerċjali, numru tal-awtorizzazzjoni u kompożizzjoni speċifika ta' kull prodott individwali**

Isem/Ismijiet kummerċjali	NALCO® WT-735	qasam tas-suq: UE
	NALCO® 77352	qasam tas-suq: UE
Numru tal-awtorizzazzjoni	EU-0032881-0001 1-1	

Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru EC	Kontenut (%)
